# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 275/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**TSM**

**V**

**SS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' TMS, datat 25 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fl-4 t'Awissu 2017 f'B, mil-liema zwieg ma kellhomx tfal;*

2. *Illi qabel izzewgu, l-kontendenti kienu ghamlu sena gherusija u matul dan iz-zmien, ir-rikorrenti kienet avzat lill-intimat illi hi ma riditx tfal minhabba li xtaqet tibni karriera. Ghaldaqstant, il-kontendenti kienu dahlu ghaz-zwieg b'din il-premessa;*

3. *Illi wara li zzewgu, meta rritorna Malta minn pajjizu f'Dicembru tal-2017, l-intimat beda jistaqsi ghat-tfal, nonostante l-fatt illi r-rikorrenti kienet avzatu li hi ma xtaqitx tfal minhabba l-karriera taghha;*

4. *Illi wara biexx tmien zhur jghixu flimkien, il-kontendenti sseparaw minhabba l-argumenti li kienu ta' spiss jinqalghu bejniethom u ilhom hekk de facto separati minn Awwissu 2018;*

5. *Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

6. *Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

7. *Illi l-kunsens tal-partijiet bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

8. *Illi inoltre, ir-rikorrenti tat il-kunsens taghha fuq il-kondizzjoni illi fiz-zwieg ma jkollhiex tfal stante illi hi dejjem riedet tibni karriera u mhux toqghod id-dar trabbi 'l ulied u ghaldaqstant, il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-istess kunsens intrabat ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

9. *Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null ai termini tal-artikolu 19 sub-inciz (1), paragrafu (c), u/jew paragrafu (d), u/jew paragrafu (f), u/jew paragrafu (g) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SS, datata 22 ta' Frar 2019, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi hemm qbil li l-partijiet zzewgu fl-4 ta' Awissu 2017 f'B;*

2. *Illi ghalkemm ma hemmx qbil dwar il-mod ta' kif ir-rikorrenti tipprezenta l-*

*argument li hi kienet avzat lill-esponenti li ma riditx tfal minhabba li xtaqet tibni karriera, hemm qbil li fil-mument tal-kunsens hi eskludiet il-possibilita li miz-zwieg jitwieldu tfal;*

3. *Illi hemm qbil li wara ftit xhur z-zwieg sfaxxa, u li l-partijiet ilhom de facto separati minn Awissu 2018;*

4. *Illi hemm qbil li l-imsemmi zwieg huwa null ai termini ta' dak provdut fil-Kap 255, Art 19:*

   *(1)(c) il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

5. *Illi hemm qbil li l-imsemmi zwieg huwa null u ai termini ta' dak provdut fil-Kap 255, Art 19:*

   *(1)(d) il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew (1)(f) il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

   *Illi z-zewg disposizzjonijiet li fuqhom ir-rikorrent qed titlob in-nullita' taz-zwieg ma jistghux jigu applikati flimkien u dan stante li jekk il-kunsens tar-rikorrenti kien ivvizjat peress li kienet qed tbati minn discretio judicii, zgur li ma setghax kellha kunsens vizjat minhabba simulazzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg.*

6. *Illi hemm qbil li l-imsemmi zwieg huwa null ai termini ta' dal provdut fil-Kap 255, Art 19:*

   *(1)(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*Tant ghandu unur jissottometti ghal gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti ngunta in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' TSM datata 3 ta' Dicembru 2019, a fol 48;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kas;

Semghet it-trattazzjoni finali;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti, TSM** xehdet permezz ta' affidavit illi hija kienet infurmat lil intimat mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom illi ma tridx tfal, u kienet ta' spiss ittennilu kemm hija importanti ghaliha l-karriera taghha. Spjegat illi hija qatt ma immaginat lilha nnifisha d-dar trabbi t-tfal u tabbanduna l-karriera u kien ghalhekk illi kienet qaltlu bl-intenzjoni taghha mill-ewwel. Xehdet illi l-partijiet kienu ddeciedew jizzewgu wara sena gherusija, u filfatt kienu zzewgu f'B fl-4 ta' Awissu 2017 u wara xi ftit jiem hija kienet giet lura Malta u l-intimata kien segwiha f'Dicembru tal-istess sena.

Xehdet illi wara ftit gimghat mir-ritorn tieghu lura Malta, l-intimat beda jistaqsi ghall-ulied u eventwalment beda jkollhom hafna argumenti fuq is-suggett. Qalet illi kien ghalhekk illi wara **tmien xhur** jghixu flimkien il-partijiet kienu sseparaw *de facto* u huwa ghal din ir-raguni illi pprezentat din l-azzjoni peress illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak b'mod irrimedjabbli.

Xehdet ukoll *viva voce* a fol 29 *et seqq* illi hija kellha sitta u ghoxrin sena meta zzewget u dak iz-zmien l-edukazzjoni taghha kienet l-aktar haga importanti ghaliha. Qalet illi dak iz-zmien hi ma kienetx tara tfal fil-futur taghha, izda l-intimat kien jghidilha li aktar ma tghaddi zmien mieghu aktar tbiddel fehmtha fuq din il-haga. Qalet illi nonostante dan, hija qatt ma bidlet fehmitha, u li filfatt meta r-relazzjoni kienet bdiet issir serja kienet marret ghand tabiba, u cioe Dr. Debbie

Formosa, sabiex taghtiha preskrizzjoni ghall-pillola kontracettiva. Mistoqsija sabiex tispjega jekk kienx qatt sar xi diskors rigward li l-intimat jigi jghix hawn Malta maghha, peress illi m'huwiex cittadin ta' pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja, spjegat illi meta kienu jiddiskutu l-possibilita li jghixu flimkien l-intimat kien jghid li huwa jixtieq li jibqa' Malta peress illi f'pajjizu hemm ftit opportunitajiet ta' xoghol, u ghalhekk xtaq jibqa' Malta biex jakkwista opportunita ta' xoghol.

**In kontro-ezami** u mistoqsija jekk kienx hemm xi kondizzjonijiet impost mill-intimat ghaz-zwieg tal-partijiet, ir-rikorrenti wiegbet li ma kienx hemm kondizzjonijiet u illi ghaliha r-relazzjoni kienet genwina. Ziedet illi li kieku ma hassitx li r-relazzjoni kienet genwina ma kienetx tizzewweg.

**It-Tabiba Deborah Anne Formosa St John** xehdet permezz ta' affidavit a fol 39 *et seqq* illi r-rikorrenti kienet talbitha ricetta ghall-pillola kontracettiva ghaliex ma rieditx tinqabad tqila. Qalet illi hija ma tafx jekk ir-ragel tar-rikorrenti kienx jaf jew le li hija qed tiehu din il-pillola jew jekk kienx jaf li r-rikorrenti ma rieditx tfal, peress illi r-rikorrenti kienet dejjem tmur wahedha fil-klinika. Spjegat li l-ewwel darba li r-rikorrenti kienet talbet ricetta ghal pillola kontracettiva kien fit-28 ta' Settembru 2016 u l-ahhar darba li geddet din ir-ricetta kien fis-26 ta' Marzu 2019.

**SS** xehed a fol 42 *et seqq* illi l-partijiet kienu ltaqu ghaliex kienu jahdmu flimkien u kellhom relazzjoni normali. Spjega illi kien ddecidew li jizzewwgu wara cirka sena li kienu ilu f'relazzjoni flimkien u kien herqana li jizzewgu. Qal illi l-partijiet ma kienux iddiskutew jekk ikollhomx tfal jew le, u ghalih kien ovvju li jekk ha jizzewgu ha jkollhom it-tfal. Xehed illi dak iz-zmien, ir-rikorrenti ma kienitx iffokata hafna fuq ix-xoghol peress illi kienet qed tistudja u riedet tkompli l-istudji taghha. Qal illi l-partijiet kienu ghamlu xi sentejn jghixu flimkien, izda l-kwistjoni tat-tfal qamet xi sebgha xhur wara z-zwieg, izda kull darba li ddiskutew il-possibilita li jkollhom it-tfal, ir-rikorrenti dejjem qalet li ma tridx.

**In kontro-ezami** xehed illi huwa kien jaf illi r-rikorrenti kienet qed tiehu l-pillola kontracettiva qabel iz-zwieg, u kien jaf li baqghat tohodha anke wara z-zwieg.

**Ikkonsidrat;**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fl-4 ta' Awissu 2017. Jirrizulta illi l-partijiet kienu ltaqu ghaliex kienu jahdmu flimkien u kien ilhom f'relazzjoni

flimkien ghal cirka sena meta ddeciedew li jizzewgu. Minn naha taghha r-rikorrenti ssostni illi hija minn dejjem kienet cara mal-intimat illi ma rieditx tfal ghaliex riedet tiffoka fuq l-istudju u l-karriera taghha filwaqt illi l-intimat jghid illi l-partijiet ma kienux iddiskutew din il-kwistjoni qabel ma zzewgu u kien sar jaf biss wara z-zwieg taghhom illi r-rikorrenti ma rieditx li jkollha tfal. Mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi wara terminu qasir ta' konvivenza, il-partijiet kienu hassew illi din id-divergenza ta' bejniethom kienet ikkawzat it-tifrik taz-zwieg u ghalhekk huma sseparaw *de facto* f'Awissu tal-2018.

Il-Qorti taghraf illi l-fatt li hemm qbil bejn il-partijiet rigward il-kawzali ta' nullita taz-zwieg taghhom ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandiex tezamina l-meritu tat-talbiet tar-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux jew le il-kawzali t'annullament moghtija mill-attur, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> **"*Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…*
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***"

Bl-istess mod, intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991:

> **"*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk***

> ***jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju."***

Dan ghaliex, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza 27 ta' Jannar 2006:

> ***"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."***

Ir-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq l-artikoli 19 (1) (c), (f) u (g) tal-istess Att.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-artikolu 19 (1) (c) jipprovdi illi z-zwieg ikun null:

> ***"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità***

*tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa*;"

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **A B C vs D B** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Ottubru 2019, il-qerq ravvizat f'dan is-sub-inciz:

> ***"…jirrikjedi qerq dwar xi kwalita` tal-persuna. Il-qerq irid ikun abbinat ma' kwalita` inerenti għall-persuna. […] bi kwalita` tal-persuna, l-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta minn ġenn, jew ivvizzjata bid-droga bl-alkohol jew bil-logħob tal-azzard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna ta' orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari. Illi għalhekk, il-qerq kif imfisser mil-liġi u l-ġurisprudenza tagħna ċċitata, ma jissusistix fir-relazzjoni in eżami."***

Illi r-rikorrenti ma tat l-ebda spjegazzjoni ghar-rigward ta' din il-kawzali u f'hiex jikkonsisti l-qerq dwar il-kwalita tal-persuna li vvizja l-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet. L-unika raguni li hija taghti, kemm fir-rikors promotur taghha, u kemm fix-xhieda taghha, hi li z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien null ghall-fatt li hi ma riditx tfal. Illi pero il-Qorti hija tassew perplessa bl-ghoti ta' din il-kawzali mir-rikorrenti meta **hija stess tippremetti fir-rikors promotur taghha illi matul l-gherusija tal-partijiet kienet avzat lil intimat b'dan il-fatt, u fix-xhieda taghha ukoll tghid li lil intimat kienet qaltlu sa minn qabel ma zzewgu illi hija ma riditx li jkollha tfal.** Illi ghalhekk il-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici, u kif ukoll ix-xhieda tar-rikorrenti stess, jikkontradicu din il-kawzali ta' nullita minnha proposta.

Fir-rigward tax-xhieda tal-intimat, il-Qorti m'hijiex konvinta mill-affidabilita taghha. Skont l-intimat, ir-rikorrenti qatt ma qaltlu qabel izzewgu illi hija ma riditx li jkollha tfal, izda fl-istess xhieda jghid illi hu kien jaf li hija kienet qed tiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma tinqabadx tqila. Mix-xhieda tat-Tabiba Formosa St. John jirrizulta illi r-rikorrenti bdiet tiehu l-pillola kontracettiva f'Settembru 2016, u cioe fiz-zmien meta, skont ix-xhieda tal-partijiet, huma kienu diga f'relazzjoni flimkien. Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi huwa inverosimili illi l-partijiet ma ddiskutewx assolutament il-hsibijiet u x-xewqat taghhom rigward il-prokreazzjoni. **Inoltre, l-Qorti tinnota illi ghalkemm l-intimat jghid illi l-partijiet damu flimkien sentejn wara li zzewgu u li huwa qatta' dan iz-zmien jispera illi r-rikorrenti tibdel fehimtha dwar il-prokreazzjoni, mill-atti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu f'Awissu 2017, il-proceduri ta' annullament gew inizjati f'Ottubru 2018,** u li qabel ma gew intavolata dawn il-proceduri il-

partijiet kienu diga isseparaw *de facto*. Illi ghalhekk din ix-xhieda tal-intimat hija ghal kollox inverosimili. Il-Qorti tqis illi hija aktar verosimili x-xhieda tar-rikorrenti li l-intimat kien gie mgharraf illi hija ma rieditx it-tfal u illi l-attitudni tieghu kienet fis-sens illi eventwalment hija kienet ser tibdel fehimtha, nonostante l-fatt illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrenti kienet qaltlu li kienet konvinta li ma tridx tfal, u anke taghtu r-ragunijiet taghha ghaliex.

Illi s-semplici fatt li l-intimat iddecieda unilateralment illi r-rikorrenti kienet eventwalment sejra tbiddel fehimtha rigward il-possibilita li jkollhom it-tfal ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-kunsens tieghu kien aflitt b'xi qerq ipperpetrat mir-rikorrenti. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi ma jirrizulta l-ebda qerq skont kif ravvizat fis-sub inciz (c) tal-artikolu 19 (1) tal-Att dwar iz-Zwieg. Ghalhekk it-talbiet attrici a bazi ta' dan is-sub-inciz qed jigu michuda.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-atikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> "***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***"

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> "***Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori.***"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED,** citata aktar il-fuq intqal:

> "***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***"

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

> ***"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Illi r-rikorrenti tibbaza l-argument taghha fir-rigward ta' din il-kawzali fuq il-fatt illi hija ma riedetx li jkollha t-tfal ghaliex riedet tiffoka fuq l-istudji u l-karriera taghha.

Illi huwa minnu li tezisti gurisprudenza fis-sens illi huwa essenzjali ghall-validita taz-zwieg civili illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet irid ikun dirett lejn il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Illi pero l-Qorti taghraf illi dawk iz-zwigijiet li gew kuntratti wara d-dhul fis-sehh tal-Att XXXVI tas-sena 1975, bhal ma huwa z-zwieg in kwistjoni, m'humiex regolati mill-ligi kanonika kif espressa fil-Kodici Pio Benedittin tas-sena 1917, u ghalhekk l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula f'dik il-gurisprudenza m'hijiex applikabbli ghaz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Illi fuq din id-distinzjoni kien inghad fis-sentenza fl-ismijiet **A sive B C vs Dr D E F** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' April 2018 illi

> "***Tajjeb jigi rilevat illi l-Artikolu 19 (1) (f) ghandu l-origini tieghu fil-ligi Kanonika senjatament Canone 1101:- Kodici Kanoniku***

***Can. 1101***

***1. The internal consent of the mind is presumed to conform to the words and signs used in celebrating the marriage.***

***2. If, however, either or both of the parties by a positive act of the will exclude marriage itself, some essential element of marriage, or some essential property of marriage, the party contracts invalidly.***

***Can. 1096***

***1. For matrimonial consent to exist, the contracting parties must be at least not ignorant that marriage is a permanent partnership between a man and a woman ordered to the procreation of offspring by means of some sexual cooperation.***

***Kif rajna Artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"***

***Ghalkemm simili hemm differenzi ta' portata mhux insinifikanti bejn iz-zewg ligijiet fir-rigward. Il-ligi kanonika tipprovdi illi z-zwieg huwa "ordered to the procreation of children" [Canone 1096]. Dan pero` ma jsib l-ebda riskontru fil-ligi civili.***

***Mill-provi akwiziti fil-kawza odjerna jirrizulta illi hadd mill-partijiet ma eskluda id-dritt ghall-att taz-zwieg. Mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi l-partijiet kellhom hajja intima regolari minn wara z-zwieg oltre illi hadu l-mezzi necessarji sabiex l-attrici ma tinqabadx tqila."***

***Elementi Essenzjali tal-Hajja Mizzewga.***

***Skond Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 zwieg huwa null jekk xi hadd mill-partijiet, fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, ikun eskluda xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

***Kif rajna aktar qabel hemm gurisprudenza tal-Qrati civili taghna illi ssostni li l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 ghandha tigi nterpretata bhalma t-Tribunal***

*Ekklesjastiku jinterpreta Canone 1101 fuq citat. Bid-dovut rigward din il-Qorti ma taqbilx ma tali interpretazzjoni. Dan ghaliex il-mertu ta' kawza ta' annullament ta' zwieg civili jitratta zwieg civili celebrat ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi civili u mhux zwieg kattoliku celebrat ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi kanonika.*

*Skond il-Ligi Kanonika l-att taz-zwieg ghandu jkun miftuh ghall-prokreazzjoni tal-ulied u bhala tali huwa meqjus wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Jekk xi hadd mill-partijiet jew it-tnejn jiddeciedu qabel iccelebrazzjoni taz-zwieg illi intenzjonalment ma jkollhomx ulied matul iz-zwieg, hemm il-possibilita' li z-zwieg religjuz jigi dikjarat null.*

*Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan l-aspett tal-vertenza u ezaminat bir-reqqa l-gurisprudenza rilevanti u qed tasal ghall-konkluzzjoni illi il-prokreazzjoni tal-ulied ma hiex wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg civili. Jigi sottolineat illi hawn si tratta ta' zwieg civili u ghalhekk l-elementi taz-zwieg civili johorgu mill-Ligi Civili u mhux minn fonti ohra. Il-prokreazzjoni tal-ulied ma hiex element essenzjali tal-hajja mizzewga. Kienet tkun sitwazzjoni differenti kieku xi hadd mill-partijiet eskluda d-dritt tal-att taz-zwieg lill-parti l-ohra. Kienet tkun sitwazzjoni kompletament differenti kieku xi hadd mill-partijiet, ad insaputa tal-parti l-ohra li kellha aspettativa tal-ulied miz-zwieg, eskludiet a priori li jkollhom ulied. Izda fil-kaz odjern iz-zewg partijiet ftehmu illi matul iz-zwieg, filwaqt li jezercitaw l-att taz-zwieg, jadoperaw mezzi kontracettivi sabiex ma jkollhomx ulied. Fil-fehma tal-Qorti il-partijiet kellhom kull dritt, ghal ragunijiet taghhom, jeskludu a priori li fil-hajja matrimonjali taghhom jiggeneraw l-ulied. Kienet decizzjoni illi hadu flimkien wara li kienu ilhom jghixu flimkien ghal ghaxar snin. Fl-ordinament guridiku civili nostran mhux provdut ghall-validita' tal-kunsens matrimonjali illi l-att taz-zwieg irid ikun miftuh ghall-prokreazzjoni tal-ulied. Una volta hadd mill-partijiet ma inganna lill-parti l-ohra f'dan ir-rigward, ma jistax jinghad li jirrizultaw l-estremi kontemplati fl-artikolu 19 (1) (f).*

**[…]**

*Fil-fehma tal-Qorti zwieg civili celebrat bir-rit kontemplat fil-Kapitolu 255 (Att*

> ***Dwar iz-Zwieg 1975) ma hux null fuq il-pretest li l-partijiet ikunu minn qabel iddecidew li ma jkollhomx tfal. Zwieg civili ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-konjugi illi ghandhom jidhlu ghaz-zwieg bil-hsieb li jkollhom it-tfal. Jekk minn qabel ma jizzewgu il-partijiet jaghmluwah cara li ma jridux ulied, anke jekk ma hemm l-ebda impediment bijologiku ghal dan, iz-zwieg civili huwa perfettament validu*.”**

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak deciz f’din is-sentenza. Li kieku l-legislatur ried illi jissottoponi l-validita taz-zwieg civili ghar-rekwiziti identici provduti fil-ligi Kanonika, inkluz ir-rekwizit illi l-partijiet ikunu jridu jkollhom it-tfal minn dan iz-zwieg, dan kien jaghmlu espressament fil-ligi. Illi pero, kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta, il-Legislatur ma impona ebda obbligu fuq il-konjugi illi jkollhom it-tfal miz-zwieg. Illi filfatt, minn qari tal-Kodici Civili jirrizulta illi l-obbligi tal-konjugi kif enuncjati fil-ligi civili huma l-konvivenza, l-fedelta, id-dmir illi l-konjugi jieqfu ma’ xulxin moralment u materjalment, u d-dmir illi jmantu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja, u ma hemm l-ebda indikazzjoni illi l-mizzewgin ghandhom l-obbligu li jidhlu fi zwieg bil-hsieb li jkollhom it-tfal. Dak li huwa essenzjali ghall-validita taz-zwieg f’dan ir-rigward huwa illi hadd mill-partijiet ma jkun qarraq bil-parti l-ohra rigward l-intenzjoni tieghu jew taghha li fiz-zwieg ma jitwieldux tfal.

Illi in vista ta’ dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet m’huwiex null a bazi tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kodici Civili.

**Ikkonsidrat;**

Illi skont is-sub-inciz (g) tal-artikolu 19 (1) tal-Att Dwar iz-Zwieg, iz-zwieg ikun null

> **“*jekk xi waħda mill-partijiet torbot il-kunsens tagħha ma’ kondizzjoni li tirriferi għall-futur*.”**

Illi kif jghallem l-awtur **Paolo Bianchi:**

> ***‘È chiaro che, nel contesto in cui si trova, tale concetto va compreso in riferimento al consenso coniugale, che costituisce l’essenza, ovvero la ‘causa efficiente’ del patto matrimoniale. In tale contesto, per ‘condizione’ deve intendersi la correlazione del consenso a una determinata circostanza (futura e***

***incerta), dalla cui sussistenza o meno chi presta il consenso intende far dipendere l'efficacia giuridica di esso: o sospendendo detta efficacia sul piano dei rapporti giuridici fino all'accertamento del verificarsi di quella circostanza, ovvero intendendo farla venir meno in correlazione all'accertamento di quel medesimo verificarsi.'***

**[…]** ***l'aspetto più tipico e più proprio del fenomeno della condizione è il nesso che viene dal soggetto che la pone istituito fra l'oggetto della condizione*** **medesima (la circostanza determinata che si vuole o non si vuole) e il consenso matrimoniale, sotto lo specifico profilo della sua efficacia. *È un nesso* strettissimo, per cui - esprimendo la cosa in modo figurato - si può dire che** ***'tocchi' il consenso, 'entri' nel consenso. Questo sussiste come atto della volontà del soggetto e come tale non può essere annullato, cancellato (secondo il ragionevole principio classico percui factum infectum fieri nequit), tuttavia il soggetto intende per così dire 'bloccare' l'efficacia, la produzione dei suoi effetti propri, ovvero 'interrompere' tale produzione in rapporto al verificarsi o meno della circostanza che si è 'legata' appunto in forma condizionata al consenso.'***[1]

Illi skont il-gurisprudenza, il-kondizzjoni trid tkun **futura, incerta u sospensiva**.[2] Illi wara li rat il-provi, il-Qorti tqis illi lanqas din il-kawzali ma tirrizulta pruvata.

Fir-rigward tar-rikorrenti, il-Qorti rat illi fix-xhieda taghha, meta giet mistoqsija rigward jekk kienx hemm xi kondizzjoni illi z-zwieg tal-partijiet kien gie suggett ghaliha, ir-rikorrenti wiegbet car u tond illi ghaliha r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet wahda genwina, u li ma kienetx tizzewweg li kieku ma kienetx tqis illi r-relazzjoni taghhom kienet wahda genwina. Illi ghalhekk mix-xhieda tar-rikorrenti stess jirrizulta illi fil-mument tal-ghoti tal-kunsens hija verament riedet tizzewweg lill-intimat u genwinament rat futur mieghu.

Fir-rigward tal-intimat, il-Qorti rat illi mix-xhieda tieghu ukoll jirrizulta illi huwa xtaq jizzewweg lir-rikorrenti u fix-xhieda tieghu jghid ukoll illi filfatt il-partijiet kienu herqana illi jizzewgu. Illi mix-xhieda tieghu jirrizulta illi huwa kien iddecieda li jittermina r-relazzjoni tal-partijiet minhabba "*…small fights and things like this. Then I wanted to move out to stop living together."*

[1] P. Bianchi, *Il Pastore d'Anime e la Nullità del Matrimonio XII. Il Consenso Condizionato* [1996].
[2] Ara per ezempju **A vs B,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 31 Mejju 2005 u **Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi,** Qorti tal-Appell deciza 2 ta' Dicembru 2005.

Illi l-Qorti ma tqisx illi jirrizulta illi l-kunsens tal-intimat kien ikkondizzjonat meta l-partijiet izzewgu, u dan specjalment ukoll ikkonsidrat illi kif diga instab aktar il-fuq, huwa kien konsapevoli illi r-rikorrenti ma xtaqitx tfal.

Illi l-Qorti tirrileva illi, kif intqal diversi drabi minn dawn il-Qrati, mhux kull tifrik ta' zwieg jirrizulta f'annullament, ghaliex l-annullament jinghata biss fejn jinstab xi difett kif kontemplat fil-ligi li kien jissussisti fil-mument tal-oghti tal-kunsens. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jidhirx illi huwa l-kaz odjern, ghaliex ma jirrizultax illi l-oghti tal-kunsens tal-partijiet kien aflitt minn xi wiehed mid-difetti lamentati mir-rikorrenti.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**